MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 227/2013

Kawza fil-lista: 22

**A B**

**vs**

**L-Avukat Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina li b'digriet tat-12 ta' Gunju 2013 gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attur tat-3 ta' Mejju 2013 li permezz tieghu talab li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta li nzammet fid-19 ta' Frar, 2014, fejn il-kuraturi ddikjaraw illi ma kellhomx risposta minghand il-konvenuta.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fl-24 ta' Novembru 1979, u minn dan iz-zwieg kellhom tliet itfal illum maggorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Peter Fleri Soler fid-29 ta' April 1991;

Illi ghalkemm il-manteniment stipulat fil-kuntratt ilu ma jithallas mis-sena 2000, dan sehh peress li c-cheques li l-attur kien jibghat lil martu barra minn Malta fejn tghix bdew jigu lura peress li bidlet ir-residenza u ma informatux bl-indirizz residenzjali gdid taghha. Ma jirrizultax li l-konvenuta qatt hadet azzjoni dwar dan.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------